MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 158/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Baldacchino**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Baldacchino talli fit-18 ta' April, 2003 ghall-habta tas-2.15pm gewwa Delimara:

1) waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' ghasafar minn fuq l-art kien ghall-kacca jew ipprova jikkaccja u garr munizzjoni u arma tan-nar barra l-ghata tieghu u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Reg. 9(1)(a);
2) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar tal-marka Benelli s.n. M108537 naqas li jzomm din l-arma tan-nar fil-pussess

tieghu b’tali mod li tigi [recte: li ma tigix] f’idejn haddiehor (Baldacchino Dylan ta’ 14 il-sena ID201688m persuna minghajr licenzja), u dan bi ksur tal-Kap 66, Art 8;
3) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ftiehem jew ipprova, jew ghen, hajjar, ta’ parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex tikser d-disposizzjoni tar-regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harisen ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew biex tonqos milli tikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom, u dan bi ksur ta’ A.L. 146/93 Reg. 25(1)(d);

Il-prosekuzzjoni talbet li minbarra l-piena stabbilita, l-ewwel qorti tordna l-konfiska tal-oggetti ezibiti kif ukoll tordna li l-hati jigi skwalifikat mill-licenzji tal-armi ghal mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil imsemmi Joseph Baldacchino mhux hati u liberatu minn kull imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fil-11 ta’ Awissu 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appell ta’ l-Avukat Generali hu limitat ghat-tieni imputazzjoni, cioe` ghar-reat – li hu delitt – kontemplat fl-Artikolu 8 ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66.

Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid fuq dan l-appell, hlief li mill-provi hija sodisfatta li l-appellat, li certament kellu licenzja biex igorr arma tan-nar – tant li l-prosekuzzjoni talbet li huwa jigi skwalifikat minn tali licenzja – meta mar jistrieh wara nofs in-nhar fil-kamra

rurali fejn sabitu l-Pulizia, halla s-senter mhux kustodit sew b’tali mod li t-tifel tieghu facilment seta’ jiehdu. Effettivament dan it-tifel hekk ghamel: hadu u mar spara bih, u inqabad mill-Pulizija. Ghalhekk certament l-appellat kellu jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellat gie lliberat mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni, u minflok issibu hati ta’ din l-imputazzjoni u, wara li rat l-Artikolu 8 tal-Kap. 66, tikkundanna lil Joseph Baldacchino multa ta’ hamsa w ghoxrin lira, konvertibbli f’hamest ijiem prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------